MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 545/2009

**Il-Pulizija**
**[Spetur Anthony Portelli]**

**vs**

**Daniel Pace Bonello**

Kumpilazzjoni Numru 545/2009

**Illum, 29 ta’ Marzu 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Daniel Pace Bonello ta’ 41 sena iben Eric u Linda neé Tyacke, imwieled Mtarfa, Malta, fl-24 ta’ Frar, 1968 u residenti fil-fond Numru 62, Flat No 4, Triq Armery, Sliema, u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 89568 (M)

Akkuzat talli gewwa ta’ Sliema nhar is-6 ta’ Gunju, 2009 ghal habta tat-3:30 ta’ filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ serq mill-fond ‘Mondial Travel Agency’, liema fond huwa sitwat fi Triq il-Kbira, Sliema, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri €2,329.37 euro, bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-‘Mondial Travel Agency’ u/jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-bieb principali ta’ l-imsemmi fond, liema hsara tiskorri €1,164.69, liema hsara saret ghad-detiment tad-dirigenti tal-‘Mondial Travel Agency’ u/jew persuni ohra;

Il-Qorti, giet mitluba li f’kaz ta’ htija titratta ma’ l-imputat li sar recediv ai terminu tal-artikoli 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fil-11 ta’ Novembru 2009 meta l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu pero fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni kkontesta l-aggravju tal-valur u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni kkontesta l-ammont tal-valur tal-hsara.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli hawn taht imsemmija tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:
a) 261(b)(c)(f), 263, 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b);
b) 325(a);
c) 17, 49, 50.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum 29 ta’ Marzu 2010 meta a skans ta’ ekwivoci ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet indikati fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizju ta’l-Avukat Generali pero ikkontesta l-aggravju tal-valur fir-rigward ta’l-ewwel imputazzjoni u ikkontesta wkoll it-tielet imputazzjoni.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali huma tlieta:

a) Serq agrravat bil-mezz, valur u hin;

b) Hsara volontarja li teccedi l-elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1.164.69); u

c) Recidiva.

Illi kif diga ntqal l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni ta’ serq pero mhux l-aggravju tal-valur.

Illi l-huwa relevanti li ai termini tan-nota ghar-rinviju ghal gudizju l-Avukat Generali gab kontra l-imputat r-reat ta’ serq (b’l-aggravji indikati) u mhux dak ta’ attentat ta’ serq kif indikat fic-citazzjoni. Fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni l-imputat qed jikkonetsta biss l-aggravju tal-valur.

Illi ghal dak li jirrigwarda dan l-aggravju u in vista tal-fatt li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ serq u mhux ta’ attentat ta’ serq il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-valur ta’ dawk l-oggetti li effettivament insterqu mill-imputat.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat seraq xi dokumenti u numru ta’ biljetti tal-Virtu Ferries. Mill-provi ma jirrizultax kemm seraq biljetti u lanqas jirrizulta l-valur ta’ dawn il-biljetti. F’dawn ic-cirkostanzi ma giex pruvat sal grad rikjest mill-Ligi l-aggravju tal-valur. Konsegwentement ghal dak li

jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni tirrizulta biss in kwantu tirreferi ghal serq aggravat bil-mezz u bil-hin.

Illi l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni u din tirrizulta sodisfacjentement pruvata. Fil-fatt jirrizulta li l-hsara kawzata mill-imputat ammontat ghal elf mitejn u tmien Euro u tlett centezmi (€1208.03); jirrizulta wkoll li dan l-ammont diga thallas lill-parte leza.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik tar-recidiva ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In sostenn ta' din l-imputazzjoni giet prezentata sentenza wahda datata 17 ta' Frar 1992 li permezz taghha l-imputat gie ikkundannat multa ta' tlett mitt Lira Maltija (Lm300) u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni sehhew fis-6 ta' Gunju 2009 konsegwentement u in vista tal-fatt li s-sentenza tas-17 ta' Frar 1992 kienet ikkundannat lill-imputat ghal multa dan llum jirrizulta li huwa recidiv ai fini ta' l-artikolu 49 pero mhux ai fini ta'l-artikolu 50.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Min-naha bla dubbju kellha tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati kommessi mill-imputat. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat diga hallas l-hsara kkawzata minnu.

Illi fatturi ohra huma l-fedina penali ta'l-imputat u l-problema tad-droga li huwa ghandu. Jirrizulta li l-imputat kellu problema b'l-abbuz tad-droga u kien dan li wasslu biex jikkommetti xi reati; l-ahhar reat qabel dawk odjerni gie kommess fis-sena 1994. Jirrizulta wkoll li sfortunatament l-imputat rega waqa ghall-vizzju tad-droga u rega kien il-vizzju tad-droga li wasslu biex jikkommetti r-reati odjerni. Pero jirrizulta wkoll li l-imputat diga beda jiehu l-passi biex jirriabilita ruhu u qed isegwi b'ezietu pozittiv programm ma'l-agenzija Caritas.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma m'ghandhiex timponi piena karcerarja biex hekk tippermetti lill-imputat

jispicca f'l-inter tieghu l-programm li diga beda b'tama li jeghleb darba ghall-dejjem dan il-vizju qerriedi tad-droga. Il-Qorti pero hija tal-fehma ukoll li l-imputat ghandu jibqa taht l-iskrutinju taghha ghall-massimu taz-zmien permess mill-Ligi biex tassigura li l-imputat verament jirriabilita ruhu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 261(b)(f) u 325(1)(a) issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu b'dan li ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' serq mhux qed issiebu hati ta' l-aggravju tal-valur u qed tilliberah minn dan l-aggravju u ghal dak li jirrigwarda l-addebietu tar-recidieva dan jirrizulta ai termini ta'l-artikolu 49 biss u mhux ta' l-artikolu 50 ukoll, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dawk li ma jiehux sostanzi illecieti, li jkompli sa tmienu l-programm ta' riabilitazzjoni li huwa diga beda, u li anke wara li jispicca dan il-programm u ghal tul tal-perjodu ta' probation jissottometti ghal dawk it-testijiet kif u meta jindikalu l-ufficjal tal-probation biex jigi accertat li huwa mhux qed jiehu sostanzi illecieti.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija u jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti qed tordna ukoll in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation biex jigi nominat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------